MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1544/2005

**Atlas Insurance Limited (C15239) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Edward Calleja**

**Vs**

**Sharon Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Lulju 2005 li is-socjeta` attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' mitejn disgha u erbghin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm249.54) minnha kkagunati u minnha sborsati a favur tal-assikurat taghha bhala indennizz in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Msida fis-27 ta' Ottubru 2003 meta waqt li l- konvenuta kienet qed issuq vettura Nru. FBM 229 baqghet diehla fil-wara tal-vettura Nru. EJC 750 propjeta` ta' Edward Calleja, ghal liema incident il-

konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjes tal-kawza, komprizi l-ispejjes tal-ittri legali tas-16 ta' Frar 2004, l-ispejjes tal-ittra ufficcjali (b'zewg notifiki) tad-9 ta' Mejju 2005, l-ispejjes tal-ittra ufficcjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mid-9 ta' Mejju 2005 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenuta tas-26 ta' Awissu 2005 li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenuta imma b'tort tas-sewwieq l-iehor, ossija Edward Calleja, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment subiti minnhom. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri u ra illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006, l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006, il-konvenuta, tramite d-difensuri legali taghha ddikjarat illi dwar il-kwantum tad-danni ma hemmx kontestazzjoni.

Illi dan it-Tribunal irid allura jara jekk l-incident mertu ta' din il-kawza sehhx tort unikament tal-konvenuta jew mod iehor.

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu zewg versjonijiet ta’ kif sehh l-incident – spjegati tajjeb minn PS1102 fix-xhieda tieghu (fol 22 et seq) meta qal ‘ ta’ quddiem jghid illi ta’ wara dahhlet fuqu, filwaqt illi ta’ wara qed tghid illi ta’ quddiem rriversjat lura ghal fuqu’.

Mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal, jirrizulta illi :

1) Mill-isketch – mhux kkontestat – (fol 21), jidher car illi l-habta sehhet <u>barra</u> l-gate ta’ l-Universita` ta’ Malta.

2) Is-sewwieq tal-vettura ta’ quddiem, EJC – 750, Edward Calleja, fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2006 (fol 33) xehed – “<u>Kif dhalt fl-ewwel parti ta’ l-entratura</u> ta’ l-Universita`, jiena waqaft…….. <u>appena waqaft</u> il-karozza tieghi, hassejt daqqa fuq wara…..” (sottolinear huwa enfasi tat-Tribunal).

3) Is-sewwieqa tal-vettura ta’ wara, FBM – 229, Sharon Abela, invece xehdet fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2006 u qalet – “<u>kif wasalt vicin il-gate jiena </u>rajt ragel hdejn il-post tal-Gwardjan ……. Jiena kont <u>ghadni barra l-gate</u> u l-karozza ta’ quddiemi fil-fatt kienet diga dahhlet mill-gate. Kif rajt l-attendant jaghmel is-sinjal, jiena waqaft u ta’ quddiemi beda jirriversja”.

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet maghmula mix-xhieda prodotti, xhieda mportanti tal-partijiet nvoluta, u mqabbla ma’ l-isketch mhux kontestat tal-Pulizija, tidher evidentament aktar kredibbli l-versjoni moghtija mill-konvenuta – ossia dik illi l-vettura ta’ quddiem irriversjat fuq dik ta’ warajha.

Dan peress illi kieku d-daqqa saret kif l-vettura ta’ quddiem waqqfet appena tidhol fl-ewwel parti ta’ l-entratura ta’ l-Universita` kieku l-isketch kien jindika l-habta bhala li saret il-gewwa mil-kolonni tal-gate ndikati u mhux barra. It-Tribunal jikkonkludi, minn kliem Edward Calleja stess, illi l-vettura Audi EJC – 750 allura kienet il-gewwa mill- kolonni tal-ewwel gate ta’ l-entratura ta’ l-

Univerista` u waqfet hemm, izda bdiet tirriversja b'mod illi baqghet diehla fuq il-vettura illi kienet tinsab warajha.

It-Tribunal ghalhekk ma jikkondividix il-versjoni ta' l-istess Edward Calleja in kwantu illi d-daqqa saret appena waqaf hemmhekk (l-gewwa mill-gate) – u hawnhekk jikkondividi mal-versjoni tal-konvenuta illi l-vettura EBJ – 750 irriversjat l-barra mill-kolonni ta' l-ewwel gate ta' l-entratura ta' l-Universita`, manuvra ta' *reverse* din illi kkawzat l-incident de quo.

It-Tribunal, mill-apprezzament tal-provi quddiemu mressqa, jikkonkludi u jiddikjara illi l-incident mertu ta' din il-pendenza sehh biss u unikament tort ta' sewqan traskurat u negligenti ta' Edward Calleja.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jichad it-talbiet attrici

Bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------